# Biex ma ninsew qatt

**ĦASSEJNA** li jkun xieraq li f'din il-kitba li biha nfakkru lil dawk il-membri li ħallew din id-dinja, infakkru l-ewwel u nsellmu lil Dun Frans Camilleri, saċerdot Ħamruniż u Direttur Spiritwali tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu li miet nhar is-6 ta' Diċembru, 1990.

Dun Frans Camilleri ħadem fostna l-Ħamruniżi għal madwar 45 sena u nistgħu ngħidu li ħalla l-marka tiegħu f'diversi oqsma tal-Ħamrun u wkoll ta' Malta. Hawn min jiftakar lil Dun Frans bħala dak is-saċerdot li baqa' dejjem jilbes is-suttana. Oħrajn jiftakruh għall-kitbiet u poeżiji tiegħu jew forsi għat-talenti kbar li kellu fil-fotografija. Issib oħrajn li kien jgħallimhom jew li sabu l-għajnuna tiegħu bħal ma kienu r-romol, il-ħabsin u l-emigranti. Iżda fuq kollox Dun Frans għandu jibqa' miftakar bħala reliġjuż fil-veru sens tal-kelma u Malti kburi b'isem art twelidu.

Aħna tas-Soċjetà San Ġużepp, forsi aktar minn ħaddieħor, infaħħru 'l Alla u lill-Qaddisin permezz tal-versi li huwa kiteb għażżewġ innijiet kbar li ndoqqu kull sena — dak ta' tifħir lil San Gejtanu u l-ieħor dedikat lil San Ġużepp. Dan minbarra l-versi tal-Innu Marċ San Ġużepp.

## Minn Ġużeppin



**Dun Frans Camillieri**

Matul din is-sena li għaddiet is-Soċjetà tagħna ġarrbet telfiet aktar minn snin oħra. B'kollox l-għadd ta' membri li mietu matul is-sena kien ta' tmienja. Dawn kienu: Joseph Azzopardi, Carmelo Calleja, Nazzareno Camilleri, Eddie Leone Enriquez, Charles Pace, Alfred Psaila, John Schembri u Joseph Sciberras.

Huwa dmir tagħna li dawn l-imseħbin tagħna nibqgħu niftakru fihom fit-talb tagħna biex il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.